anki jekk dawn għandhom il-possibbiltà li jqajmu l-oġġezzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-proġett matul l-imsemmija proċedura għal awtorizzazzjoni (f'dan is-sens l-oġġezzjoni fil-kawża prinċipali tkun dik li l-effetti tal-proġett jippreġudikaw il-ħajja, is-saħħa jew il-proprjetà tagħhom jew li huma jġarrbu dannu irraġonevoli minħabba r-riħa, il-ħoss, id-duħħan, it-traffiku, it-trab, it-theżżiż jew kwalunkwe inkonvenjent ieħor)?

Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv:

(2) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/92/UE, permezz tal-applikazzjoni diretta tagħha, jeżiġi li jiġi kkonstatat in-nuqqas tal-effett vinkolanti msemmi fl-ewwel domanda?

---

([1]) ĠU L 26, p. 1.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fis-7 ta' Novembru 2013 — Annegret Weitkämper-Krug vs NRW Bank, Anstalt des öffentlichen Rechts

**(Kawża C-571/13)**

(2014/C 24/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Annegret Weitkämper-Krug

*Konvenuti:* NRW Bank, Anstalt des öffentlichen Rechts

### Domanda preliminari

L-Artikolu 27(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 ([1]), tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42), għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tieni qorti adita, li hija biss għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 44/2001, hija madankollu obbligata tissospendi l-proċeduri quddiemha sakemm tiġi deċiża definittivament il-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti adita, li ma għandhiex ġurisdizzjoni esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 22?

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Belġju) fit-8 ta' Novembru 2013 — Hewlett-Packard Belgium SPRL vs Reprobel SCRL

**(Kawża C-572/13)**

(2014/C 24/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Bruxelles

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Hewlett-Packard Belgium SPRL

*Konvenuta:* Reprobel SCRL

### Domandi preliminari

(1) L-espressjoni "kumpens ġust" inkluża fl-Artikolu 5(2)(a) u fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE ([1]) għandha tiġi interpretata b'mod differenti skont jekk ir-riproduzzjoni mwettqa fuq karta jew fuq mezz simili permezz ta' kull xorta ta' teknika fotografika jew ta' xi proċess ieħor li jkollu l-istess effetti issir minn xi utent jew minn persuna fiżika għal użu privat u għal finijiet mhux direttament jew indirettament kummerċjali? Fil-każ ta' risposta pożittiva, din id-differenza ta' interpretazzjoni għandha tiġi bbażata fuq liema kriterji?

(2) L-Artikolu 5(2)(a) u l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE għandhom jiġu interpretati bħala li jawtorizzaw lill-Istati Membri jistabbilixxu l-kumpens ġust dovut lid-detenturi tad-drittijiet fil-forma:

   (1) ta' remunerazzjoni fil-forma ta' somma f'daqqa mħallsa mill-manifattur, mill-importatur jew mill-akkwirent intra-Komunitarju ta' apparati li jippermettu l-ikkopjar ta' xogħlijiet protetti, meta dawn l-apparati jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni libera fit-territorju nazzjonali, li l-ammont tagħha huwa kkalkolat biss abbażi tal-ħeffa li biha l-magna li tikkopja tista' tagħmel numru ta' kopji kull minuta, mingħajr rabta oħra mad-dannu eventwalment subit mid-detenturi tad-drittijiet,

   u

   (2) ta' remunerazzjoni proporzjonali, iddeterminata biss minn prezz unitarju immultiplikat bin-numru ta' kopji magħmula, li tvarja skont jekk id-debitur ikkooperax jew le fir-rigward tal-ġbir ta' din ir-remunerazzjoni, li hija imposta fuq il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jagħmlu kopji ta' xogħlijiet jew, skont il-każ, minflok fuq dawn il-persuni, fuq dawk li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom, bi ħlas jew bla ħlas, apparat ta' riproduzzjoni li qiegħed għad-dispożizzjoni ta' ħaddieħor.

Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, liema huma l-kriterji rilevanti u koerenti li l-Istati Membri għandhom isegwu sabiex, skont id-dritt tal-Unjoni, il-kumpens jista' jitqies bħala ġust u sabiex jiġi stabbilit bilanċ ġust bejn il-persuni kkonċernati?

(3) L-Artikou 5(2)(a) u l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE għandhom jiġu interpretati bħala li jawtorizzaw lill-Istati Membri jagħtu nofs il-kumpens ġust dovut lid-detenturi tad-drittijiet lill-edituri tax-xogħlijiet maħluqa mill-awturi, mingħajr xi obbligu għall-edituri li jiżguraw li l-awturi jibbenefikaw, anki b'mod indirett, minn parti mill-kumpens li huma mċaħħda minnu?

(4) L-Artikolu 5(2)(a) u l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE għandhom jiġu interpretati bħala li jawtorizzaw lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema indifferenzjata ta' ġbir tal-kumpens ġust dovut lid-detenturi tad-drittijiet, fil-forma ta' somma f'daqqa u ta' ammont għal kull kopja magħmula, li tkopri b'mod impliċitu iżda ċert u parzjalment, l-ikkopjar ta' mużika fuq il-karta u ta' riproduzzjonjiet foloz?

[1] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

**(Kawża C-576/13)**

(2014/C 24/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Nicolae u S. Pardo Quintillán, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

### Talbiet

— tiddikkjara li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, billi obbliga b'mod ġenerali lill-impriżi burdnara li joperaw fil-portijiet Spanjoli ta' interess ġenerali jipparteċipaw f'SAGEP (Kumpannija anonima ta' ġestjoni ta' burdnara fil-port) u, fi kwalunkwe każ, billi ma ppermettilhomx jirrikorru għas-suq sabiex jikkuntrattaw il-persunal tagħhom, kemm jekk b'mod permanenti jew temporanju, ħlief fil-każ fejn il-ħaddiema proposti mis-SAGEP ma jkunux jikkwalifikaw jew ma jkunux biżżejjed, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jewttaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea kontra r-Renju ta' Spanja huwa dwar is-sistema stabbilita permezz tal-Ley de Puertos del Estado y de la Marina Mercante (Liġi dwar il-Portijiet tal-Istat u tal-Marina Merkantili) fir-rigward tal-impriżi burdnara, sa fejn tirreferi għall-ġestjoni tal-ħaddiema għall-provvista tas-servizz portwarju ta' ġarr ta' merkanzija.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li din is-sistema, billi tobbliga bħala regola ġenerali lill-impriżi burdnara li joperaw fil-portijiet ta' interess ġenerali Spanjoli jipparteċipaw f'Sociedad Anónima de Gestión de Estibadores Portuarios (Kumpannija anonima ta' ġestjoni ta' burdnara fil-port) jew SAGEP, u fi kwalunkwe każ, billi ma tippermettilhomx li jirrikorru għas-suq sabiex jikkuntrattaw il-persunal tagħhom, kemm b'mod permanenti jew temporanju, ħlief fil-każ fejn il-ħaddiema proposti mis-SAGEP ma jkunux jikkwalifikaw jew ma jkunux biżżejjed, hija kuntrarja għall-obbligi tar-Renju ta' Spanja taħt l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-libertà ta' stabbiliment.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Kiel (il-Ġermanja) fil-15 ta' Novembru 2013 — Hans-Jürgen Kickler et vs Ir-Repubblika Ellenika

**(Kawża C-578/13)**

(2014/C 24/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Kiel

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Hans-Jürgen Kickler, Walter Wöhlk, Zahnärztekammer Schleswig-Holstein Versorgungswerk

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

### Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) [1], għandu jiġi interpretat fis-sens li kawża, li fiha x-xerrej ta' titoli tal-Gvern tal-konvenuta jressaq talba għal ħlas fil-forma ta' prestazzjoni u fil-forma ta' talba għal danni kontra l-konvenuta, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tikkonċerna "materja ċivili jew kummerċjali" fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament jekk ix-xerrej ma jkunx aċċetta l-offerta ta' skambju magħmula fl-aħħar ta' Frar 2012 mill-konvenuta, kif huwa possibbli permezz tal-Liġi Griega Nru 4050/2012 ("Greek-Bondholder-Act")?